MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2015

Rikors Numru. 181/2011

**Xxx**

**Vs**

**Kummissarju tat-Taxxi Interni**

**It-Tribunal**,

Ra r-Rikors ipprezentat minn Xxx fit-22 ta' Lulju 2011 permezz ta' liema jitlob li t-Tribunal jannulla d-decizjoni, ossia *assessment*, mehuda mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fil-konfront tieghu fis-16 ta' Gunju 2011 u minflok jiddikjara li ebda ammont ta' Capital Gains Tax ma huwa minnu dovut fuq il-kuntratt ta' bejgh tal-fond 71, Mardom II, Triq Manwel Attard, St. Venera, datat 29 ta' Marzu 2004;

Ra d-dokumenti annessi mar-Rikors promotur markati Dok. "A" sa' Dok. "D" a fol. 4 sa' 14 tal-process;

Ra r-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni permezz ta' liema jopponi ghall-appell interpost mir-Rikorrent u jitlob li l-istess jigi michud u minflok jigu kkonfermati l-Likwidazzjoni ta' Taxxa datata 16 ta' Gunju 2011 ghas-sena ta' stima 2005 u l-Avviz ta' Rifjut ukoll datat 16 ta' Gunju 2011 ghall-istess sena ta' stima, bl-ispejjez kontra r-Rikorrent, stante li: (a) ir-Rikorrent ma kienx ezenti mill-hlas ta' Capital Gains Tax fuq it-trasferiment tal-fond Mardom II, Triq Manwel Attard, St. Venera, stante li kien ilu snin twal qabel it-trasferiment ma jirrisjedix fl-imsemmija proprjetà; u li (b) ghalkemm ir-Rikorrent seta' ghadda id-dhul mill-bejgh tal-fond imsemmi lil martu skont kuntratt ta' separazzjoni li kellhom bejniethom, huwa xorta jitqies li ghamel qligh minn tali trasferiment irrispettivament minn jekk tali qligh hadux hu personalment jew ghaddiehx lil terza persuna;

Ra d-dokumenti annessi mar-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni markati Dok. "KTI1" sa' Dok. "KTI8" a fol. 22 sa' 43 tal-process;

Sema' x-xhieda moghtija minn Romwald Attard waqt is-seduti tat-12 ta' April 2012[1] u tal-31 ta' Mejju 2012[2] u ra d-dokumenti esebiti minnu waqt is-seduta tat-12 ta' April 2012 markati Dok. "RA1" sa' Dok. "RA5" u dokumenti esebiti minnu waqt is-seduta tal-31 ta' Mejju 2012 markati Dok. "RA4" u Dok. "RA5" a fol. 67 sa' 69 tal-process; sema' x-xhieda moghtija mir-Rikorrent waqt is-seduta ta' l-24 ta' Jannar 2013[3], ra l-affidavit ta' Gorg Borg, rapprezentant tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, u d-dokumenti annessi mieghu u markati Dok. "GB1" sa' Dok. "GB7" esebiti permezz ta' Nota pprezentata fit-22 ta' April 2013 a fol. 82 sa' 105 tal-process, sema' x-xhieda ta' Monica Gruppetta moghtija waqt is-seduta tat-22 ta' April 2013[4];

Sema' t-trattazzjoni orali da parte tad-difensuri tal-partijiet;

Ra l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra**:

Bil-proceduri odjerni r-Rikorrent jikkontesta d-decizjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni datata 16 ta' Gunju 2011, li biha cahad l-oggezzjoni tieghu ghall-Likwidazzjoni ta' Taxxa mahruga kontrih ghas-sena ta' stima 2005 u minflok giet ikkonfermata dik l-istess Likwidazzjoni ta' Taxxa. Ir-Rikorrent in effetti qed jigi mitlub ihallas is-somma ta' €22,261 bhala taxxa fuq il-qligh kapitali in konnessjoni mat-trasferiment tal-fond Nru. 71, Mardom II, Triq Manwel Attard, St. Venera, flimkien mal-garage sottostanti numru 73 fi Triq Manwel Attard, St. Venera, oltre taxxa addizzjonali u imghaxijiet. Huwa jikkontendi li ma hija minnu dovuta l-ebda taxxa fuq il-qligh kapitali in konnessjoni ma' dan it-trasferiment stante li *l-bejgh tal-proprjetà in kwistjoni kienet finalizzazzjoni w estensjoni ta' kuntratt ta' separazzjoni datat 31 ta' Lulju 1987. Dan il-kuntratt ta' separazzjoni kien ordnat permezz ta' digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili datat 31 ta' Lulju 1987*[5].

Ir-Rikorrent jibbaza l-appell tieghu mid-decizjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni fuq il-klawsola Nru.9(a) tal-kuntratt ta' separazzjoni li tipprovdi li *l-beni ta' l-istess komunjoni jigu divisi u percepiti jew regolati kif ser jinghad hawn taht: (a) il-mara tibqa' tokkupa d-dar taz-zwieg "Mardom II" (12) numru tnax, Emmanuele Attard Street, Santa Venera, li ser tibqa' indiviza bejn il-komparenti proprjetarju. L-uzu u t-tgawdija tal-mara ta' dana l-fond ikun tul hajjitha, b'dan li jekk bil-kunsens tal-mara, ir-ragel u hi flimkien ibieghuha lura r-rikavat tiehdu kollu l-mara bhala parti minn sehemha tal-*

[1] Fol. 62 sa' 65 tal-process.
[2] Fol. 70 tal-process.
[3] Fol. 73 sa' 78 tal-process.
[4] Fol. 108 sa' 110 tal-process.
[5] Rikors promotur.

*komunjoni ta' l-akkwisti...*[6] u jikkontendi li *din hija klawzola li tifforma parti mill-kuntratt ta' separazzjoni ordnat mill-Qorti skond id-digriet fuq riferit* [ossia tas-Sekond' Awla] *u ghalhekk hija* ***ordni tal-Qorti***[7] *li ma tistax tigi injorata. Din il-klawzola ma tistax tigi interpretata hlief b'mod wiehed ossia li r-rikavat jinghata lill-mara bhala parti minn sehemha tal-komunjoni ta' l-akkwisti. Ghalhekk bhala tali r-rikavat relattiv (a) qatt ma seta' kien jigi dikjarat bhala income ossia capital gains tar-rikorrenti u (b) kien intiz u ordnat* ***biss***[8] *u esklussivament bhala hlas tas-sehem tal-komunjoni ta' l-akkwisti. ... Ulterjorment din it-talba ghall-hlas ta' l-ammont ta' €22,261 ghandha tigi michuda stante li, billi si tratta ta' bejgh wara kuntratt ta' separazzjoni hija ezenti minn kwalunkwe hlas ta' capital gains*[9].

Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni, illum il-Kummissarju tat-Taxxi, jikkontesta l-appell tar-Rikorrent mid-decizjoni tieghu tas-16 ta' Gunju 2011 u jikkontendi li t-taxxa fuq il-qligh kapitali minnu pretiza hija effettivament dovuta mir-Rikorrent stante li *skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 5(1)(a)(i) ta' l-Att Dwar it-Taxxa fuq l-Income jipprovdi li l-qligh maghmul fuq trasferiment ta' proprjetà ghandu jigi intaxxat ai termini tad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 4(1) ta' l-istess Att. Illi skond il-kuntratt ta' bejgh tal-proprjetà hawn fuq imsemmija* [ossia Mardom II, Triq Manwel Attard, St. Venera] *u datat 29 ta' Marzu 2004, l-appellant Xxx huwa indikat bhala l-uniku proprjetarju tal-proprjetà hawn fuq imsemmija. Illi l-appellant ma kienx residenti fil-proprjetà matul it-tlett snin qabel id-data tat-trasferiment tal-proprjetà u t-trasferiment sar wara li ghadda l-perijodu ta' 12-il xahar mid-data ta' meta huwa vvaka l-proprjetà hawn in kwistjoni, u ghalhekk ma setax igawdi mid-disposizzoni ta' l-Artikolu 5(5)(b) tal-Kap.123 ... ghax il-fatti tal-kaz odjern juru li l-appellant Xxx kienu ilu li vvaka l-fond hawn in kwistjoni sa' mill-1987. Illi l-argument ta' l-appellant li hu fil-fatt ma rcieva l-ebda introjtu mill-bejgh tad-dar inkwantu li d-dhul haditu kollu l-mara tieghu skond il-kuntratt ta' separazzjoni li ghalih saret referenza aktar il-fuq, ma jregix in kwantu li huwa xorta ghamel qligh irrispettivament minn jekk il-qligh hadux hu jew ghaddiehx lill-terza persuna. Illi dan ma setax ikun mod iehor ghaliex fil-kuntratt tal-bejgh tad-dar il-mara ma ssemmietx li kienet proprjetarja tad-dar imsemmija, u allura mhux talli ma setghatx tircievi l-flus tal-bejgh tad-dar hlief biss tramite l-appellant, imma lanqas ma setghat tgawdi mill-provvediment ta' Artikolu 5(5)(b) ta' l-Att Dwar it-Taxxa fuq l-Income (Kap.123). Illi dan gara minhabba l-fatt li l-art li fuqha nbniet id-dar giet mixtrija mill-appellant wahdu qabel iz-zwieg u allura ma kienetx tifforma parti mill-kommunita ta' l-akkwisti. ... Illi l-Kummissarju tat-Taxxi Interni jikkontendi li Monica Gruppetta li kienet tirrisjedi fil-proprjetà bejn id-data tal-kuntratt ta' separazzjoni u d-data tat-trasferiment tal-proprjetà ma kienetx il-proprjetarja tad-dar tant li fil-kuntratt ta' bejgh datat 29 ta' Marzu 2004 l-appellant deher wahdu bhala venditur. Illi t-trasferiment tar-rikavat*

[6] Ibid.
[7] Enfasi tar-Rikorrent.
[8] Enfasi tar-Rikorrent.
[9] Rikors promotur.

*mill-bejgh tad-dar kien biss applikazzjoni, jew uzu, tad-dhul li kellu l-appellant mill-bejgh tad-dar, u bl-ebda mod ma ghandu jigi mifhum li l-appellant ma dahhal jew rcieva xejn fuq dak it-trasferiment, imma ghandu jfisser biss li l-appellant kien marbut li jghaddi d-dhul kollu mill-bejgh tad-dar lill-mara tieghu, u dan skond kif kien ipprovdut mill-Artikolu 9(a) ta' l-Att ta' Separazzjoni*[10].

Qabel ma jittratta l-appell in ezami fil-meritu t-Tribunal ghal kull buon fini jaghmel referenza ghall-Artikolu 3(3), (4) u (5) ta' l-Att dwar il-Kummissarju tat-Taxxi, Kap.517 tal-Ligijiet ta' Malta, kif applikabbli llum. L-imsemmija disposizzjonijiet tal-Ligi jipprovdu li *mad-dhul fis-sehh ta' dan l-Att u minkejja kull ligi ohra, il-funzonijiet kollha vestiti fil-Kummissarju tat-Taxxi Interni, fil-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u fil-Kontrollur tad-Dwana taht l-atti tat-taxxa ghandhom jigu trasferiti lill-Kummissarju* [ossia il-Kummissarju tat-Taxxi] *u jigu ezercitati minnu u kull referenza ghall-Kummissarju tat-Taxxi Interni, ghall-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u ghall-Kontrollur tad-Dwana f'kull ligi ghandha tinqara u tinftiehem bhala referenza ghall-Kummissarju tat-Taxxi;* (4) *(a) Il-Kummissarju jista', bi qbil bil-miktub tal-Ministru, jiddelega kull funzjoni taht dan l-Att jew taht l-atti tat-taxxa lil kull ufficjal tad-dipartimenti tat-taxxa. (b) Kull delega maghmula taht dan is-subartikolu ghandha tigi pubblikata mill-Ministru b'ordni fil-Gazzetta. (c) Minkejja kull ligi ohra, meta ufficjal ikun gie delegat xi funzjoni mill-Kummissarju taht il-paragarfu (a), l-ufficjal ghandu jkun responsabbli lejn is-Segretarju Permanenti permezz tal-Kummissarju. (d) Il-Kummissarju jista', f'kull zmien, bi qbil mill-Ministru, jiehu lura dawk il-funzjonijiet kollha, jew uhud minnhom, li jkunu gew delegati taht dan is-subartikolu. Avviz dwar it-tehid lura ta' funzjonijiet ghandu jigi pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern. (e) <u>Meta l-Kummissarju jiehu lura funzjonijiet li kienu gew delegati lil persuna ohra taht dan is-subartikolu, huwa jiehu wkoll, minflok dik il-persuna, ir-rapprezentanza legali u gudizzjarja tal-Gvern fuq id-dokumenti, l-atti gudizzjarji u l-azzjonijiet kollha maghmula, mibghuta, prezentati, mibdija jew mehuda minn jew f'isem jew kontra dik il-persuna ohra bis-sahha ta' l-imsemmija delega</u>*[11]*;* (5) *Il-Kummissarju ghandu jkollu r-rapprezentanza legali u gudizzjarja tal-Gvern fid-dokumenti, atti gudizzjarji u azzjonijiet kollha li jkollhom x'jaqsmu mal-gbir ta' taxxa u ma' kull kwistjoni ohra li d-dipartimenti tat-taxxa jkollhom interess fiha, <u>kemm-il darba dik ir-rapprezentanza ma tkunx giet delegata skond is-subartikolu (4)</u>*[12].

B' Ordni ta' Delega ta' Funzjonijiet relattiv ghall-Att dwar il-Kummissarju tat-Taxxi ippublikat fil-harga tal-Gazzetta tal-Gvern ta' l-20 ta' Lulju 2012 il-Kummissarju tat-Taxxi kien b'effett mill-20 ta' Jannar 2012 iddelega fost affarijiet ohra r-rapprezentanza giudizzjajra in kwantu rigwarda *inter alia* taxxa li ghandha tingabar taht u kwistjonijiet ohra nascenti mill-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income, Kap.123 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Att dwar l-

[10] Para. 14 sa' 19 u para. 21 u 22 tar-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi.
[11] Sottolinear tat-Tribunal.
[12] Sottolinear tat-Tribunal.

Amministrazzjoni tat-Taxxa, Kap. 372 tal-Ligijiet ta' Malta, lid-Direttur Generali (Taxxi Interni). Dak l-Ordni fil-fatt kien jipprovdi illi *skond is-setghat moghtija mis-subartikolu (4) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att dwar il-Kummissarju tat-Taxxi, il-Kummissarju tat-Taxxi bi qbil tal-Ministru responsabbli ghal finanzi, qieghed hawn jiddelega d-drittijiet, id-doveri, is-setghat u l-funzjonijiet, inkluza r-rapprezentanza legali u gudizzjarja tal-Gvern moghtija lilu mis-subartikolu (5) ta' l-artikolu 3 ta' l-imsemmi Att, hawn aktar 'il quddiem imsejhin "id-drittijiet"*[13]*, kif gej: ... (a) id-drittijiet taht l-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income, l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, l-Att dwar it-Taxxa fuq id-Dokumenti u Trasferimenti, l-Att dwar il-Monte di Pietà, l-Ordinanza dwar Haddiema d-Deheb u Haddiema l-Fidda (Argentiera), l-Att dwar l-Akkwist ta' Proprjetà immobbli minn Persuni Mhux Residenti, u kull regolament maghmul tahthom, ghandhom ikunu vestiti fl-ufficjal li minn zmien ghal zmien jokkupa l-kariga ta' Direttur Generali (Taxxa Interni). ... Din l-Ordni u d-delegi maghmula tahtha ghandhom issehhu b'sehh mill-20 ta' Jannar 2012...* Bis-sahha ta' tali Ordni ghalhekk kien id-Direttur Generali (Taxxi Interni) li kellu jitqies bhala l-Awtorità pubblika intimata f'dawn il-proceduri.

B'Ordni ta' Assunzjoni mill-Gdid ta' Funzjonijiet ippubblikata fil-harga tal-Gazzetta tal-Gvern tat-8 ta' Awwissu 2014, il-Kummissarju tat-Taxxi ha lura id-drittijiet, dmirijiet, setghat u funzjonijiet kollha li huma vestiti fih taht, fost ohrajn, l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* u l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa u dana b'effett mis-27 ta' Gunju 2014 u *mill-imsemmija data, id-delega ta' drittijiet, dmirijiet, setghat u funzjonijiet vestiti taht l-Atti u r-regolamenti fuq imsemmija* [fosthom l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* u l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa] *li saret bin-Notifikazzjoni tal-Gvern numru 711 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern data 3 ta' Lulju 2012 u bin-Notifikazzjoni tal-Gvern numru 766 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern datata 20 ta' Lulju 2012 qieghda tigi mhassra*[14] *minghajr pregudizzju ghall-kontinwazzjoni ta' l-effett ta' l-imsemmija Notifikazzjonijiet tal-Gvern ghal dak li ghandu x'jaqsam mad-delega ta' drittijiet, dmirijiet, setghat u funzjonijiet vestiti taht l-Ordinanza tad-Dwana, l-Att dwar id-Dazji ta' Importazzjoni, l-Att dwar Dazju tas-Sisa, u kull regolament maghmul tahthom u minghajr pregudizzju ghall-validità ta' dak li sar bis-sahha tal-istess Notifikazzjonijiet tal-Gvern qabel id-data effettiva ta' din l-Ordni.*

Minn dak provdut fl-Artikolu 3(4)(e) tal-Kap.517 tal-Ligijiet ta' Malta u fl-imsemmija Ordni ta' Assunzjoni mill-Gdid ta' Funzjonijiet johrog car li b'effett mis-27 ta' Gunju 2014 il-Kummissarju tat-Taxxi rega' assuma mill-gdid ir-rapprezentanza giudizzjarja tal-Gvern fi proceduri nascenti minn u konnessjoni ma', fost ohrajn, l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* u l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa u ghalhekk illum huwa l-Kummissarju tat-Taxxi li ghandu jigi kkunsidrat bhala l-Awtorità pubblika intimata f'dawn il-proceduri

[13] Sottolinear tat-Tribunal.
[14] Sottolinear tat-Tribunal.

minflok id-Direttur Generali (Taxxi Interni) u qablu l-Kummissarju tat-Taxxi Interni.

Ghalkemm illum l-Awtorità intimata f'dawn il-proceduri huwa l-Kummissarju tat-Taxxi u mhux iktar id-Direttur Generali (Taxxi Interni) u qablu l-Kummissarju tat-Taxxi Interni, it-Tribunal iqis li ma hemmx il-htiega li ssir korrezzjoni fl-okkju tal-proceduri u fl-atti ta' dan il-kaz stante li a tenur tar-Regolament 2 tar-Regolamenti Dwar l-Ekwivalenza ta' Certi Referenzi ghall-Karigi fid-Dipartimenti tat-Taxxa, Legislazzjoni Sussidjarja 517.01, *il-kliem imnizzel fl-ewwel Kolonna ta' l-Iskeda* [fosthom Kummissarju tat-Taxxi Interni u Direttur Generali (Taxxi Interni)] *ghandu, f'kull att gudizzjarju jew azzjoni gudizzjarja u f'kull kommunikazzjoni notifikata jew indirizzata lil xi dipartiment tat-taxxa u f'kull kommunikazzjoni mibghuta minn xi dipartiment tat-taxxa, jitqies li huwa ekwivalenti u li ghandu l-istess tifsira u effetti legali bhall-kliem imnizzel fl-istess partita fit-tieni kolonna ta' l-Iskeda* [ossia Kummissarju tat-Taxxi] *u dan b'mod illi l-kliem uzat fiz-zewg kolonni ta' l-istess partita ghandu jkollu l-istess tifsira w effett ghall-finijiet kollha tal-Ligi.*

Trattata din il-kwistjoni t-Tribunal se jghaddi biex jittratta l-appell in ezami fil-meritu.

Wara li qies sew il-provi prodotti mill-partijiet kontendenti, is-sottomissjonijiet minnhom avvanzati waqt is-smigh tal-proceduri u l-provvedimenti tal-Ligi applikabbli ghall-kaz in ezami, it-Tribunal hu tal-fehma li l-aggravji fuq liema r-Rikorrent jibbaza l-appell tieghu mid-decizjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni tas-16 ta' Gunju 2011 ma humiex gustifikati u b'hekk ma jisthoqqx li jigu milqugha.

L-aggravji fuq liema r-Rikorrent jibbaza l-appell tieghu mid-decizjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni essenzjalment huma tnejn, u cioè li: (i) ir-rikavat mill-bejgh tal-fond Mardom II, Triq Manwel Attard, St. Venera, qatt ma seta' jigi minnu dikjarat bhala *income* tieghu u b'hekk soggett ghat-taxxa fuq il-qligh kapitali, peress illi skond il-kuntratt ta' separazzjoni bejnu u bejn martu Monica Grupetta, liema kuntratt gie awtorizzat b'ordni tas-Sekond' Awla, dak ir-rikavat kellu jghaddi direttament ghand l-istess Monica Gruppetta, u li (ii) peress illi t-trasferiment sehh in segwitu ghal kuntratt ta' separazzjoni, ir-rikavat minn tali trasferiment huwa ezenti minn kwlaunkwe hlas ta' taxxa fuq il-qligh kapitali.

Fir-rigward tat-tieni aggravju fuq liema r-Rikorrent jibbaza l-appell tieghu mid-decizjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, it-Tribunal josserva li tali aggravju huwa ghal kollox bla bazi legali in kwantu s-sitwazzjoni odjerna ma tinkwadrax fl-ezensjoni mill-imposizzjoni u konsegwenti hlas ta' taxxa fuq il-qligh kapitali koncessa mill-Ligi fuq trasferiment li jsehh b'konsegwenza ta' jew in segwitu ghal separazzjoni personali bejn konjugi.

L-Artikolu 5(5)(e) tal-Kap.123 tal-Ligijiet ta' Malta, kif applikabbli fiz-zmien tat-trasferiment, ossia fid-29 ta' Marzu 2004, kien jipprovdi: *id-disposizzjonijiet tas-subparagrafu (i) tal-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu ma ghandhomx ikunu jghoddu ghal qliegh jew profitt li ghandu x'jaqsam mat-trasferiment ta' proprjetà immobbli: (e) meta l-proprjetà tigi trasferita* ***bejn***[15] *il-konjugi wara li ssir firda bil-Qorti jew bil-kunsens tat-tnejn.* Mit-test tal-Ligi huwa evidenti li din l-esenzjoni tapplika biss meta t-trasferiment ta' l-immobbli isir bejn il-konjugi in segwitu ghal separazzjoni personali u mhux meta jsir mill-konjugi li qed jisseparaw jew li sseparaw, it-tnejn flimkien jew minn wiehed minnhom biss bil-kunsens ta' l-iehor, kif kien il-kaz in ezami, a favur terzi.

Ghaldaqstant jigi ribadit li t-tieni aggravju fuq liema r-Rikorrent jibbaza l-appell tieghu mid-decizjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni ma huwiex gustifikat u b'hekk ma jisthoqqx li jigi milqugh.

In kwantu rigwarda l-ewwel aggravju fuq liema r-Rikorrent jibbaza l-appell tieghu mid-decizjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, fejn, jigi ribadit, jikkontendi li siccome a tenur tal-kuntratt ta' separazzjoni, liema kuntratt gie awtorizzat b'ordni tas-Sekond' Awla, ir-rikavat mill-bejgh tal-fond Mardom II, Triq Manwel Attard, St. Venera, kellu jghaddi a favur martu xxx versu sehemha mill-komunjoni ta' l-akkwisti, huwa effettivament ma ghamel l-ebda qligh mit-trasferiment li fuqu jista' jew ghandu jigi intaxxat, issir referenza ghall-principju enuncjat mill-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **A.B. v. Kummissarju tat-Taxxi Interni**, deciza fil-25 ta' Gunju 1973[16]: *l-iskop ossia mottiv ta' "application of income", meta jkun hemm verament "application of income", ma jeffettwax il-"liability to tax" tal-persuna illi l-"income" taghha (f'dan il-kaz is-salarju taghha) jkun ghadda ghandha u minghandha mar ghand haddiehor.*

Fl-imsemmija sentenza l-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat id-decizjoni tal-Bord tal-Kummissarji Specjali f'dak il-kaz fejn gie trattat l-import mill-lat fiskali – jew ahjar mill-lat ta' *liability to tax* – ta' klawsola fi skrittura privata fejn it-taxpayer kien obbliga ruhu li jghaddi – il-kliem uzat fl-iskrittura kien *to turn over* – is-salarju tieghu lil terza persuna, f'dak il-kaz kumpanniji, imsemmija fl-iskrittura. Fir-rigward il-Bord ta' Kummissarji Specjali osserva li *l-Bord jaqbel ma' l-appellat li din ma kenitx hlief "an application of income" li kien digà gie "earned" mill-appellant. Kulhadd huwa liberu li jaghmel li jrid bil-qligh li jkun ghamel, però dan il-qligh malli jsir, ikun jikkostitwixxi "income" u bhala hekk ikun soggett ghat-taxxa, jispicca fejn jispicca dan l-"income". Meta kontribwent jiddisponi mill-"income" tieghu, jigri dak li hu msejjah mill-gurisprudenza tal-Qrati Inglizi bhala "an alienation of income" u l-principju li gie stabbilit mill-Qrati Inglizi huwa illi "unless the beneficiary successfully alienates his title to the trust income, this income will remain*

[15] Enfasi tat-Tribunal.
[16] Decisions of the Court of Appeal, Volume 3, Kawza Nru. 92.

*income of the beneficiary for all tax purposes". ... Kif jidher dan intqal b'referenza ghal "Trust Income" però il-principju japplika ghal kull forma ta' "income", kif jidher aktar 'il quddiem. Ghalhekk dment li l-kontribwent ikun zamm ghandu "the title to the income" dana l-"income" irid bilfors jigi ikkunsidrat bhala "earned" minnu, u sussegwentement aljenat minnu, b'mod li l-att jissejjah "alienation of income". Mill-banda l-ohra jekk il-kontribwent ikun ittrasferixxa "the title of income", allura huwa ma jkunx aktar "earning the income" u ghalhekk ma jistax ikun taxxabbli. Dan il-principju gie stabbilit fil-kazi "Perkins Executor vs I.R. Comrs." (13 TC 851), "I.R. Comrs, vs Paterson" (9 TC471), "I.R. Comrs. Vs Wemyss" (8 TC 551) u "Waley Cohen vs I.R. Comrs." (26 TC 471). Illi kif inghad qabel dan hu principju generali li japplika ghall-forom kollha ta' "income" u in fatti wiehed isib fil-gurisprudenza Ingliza, l-applikazzjoni ta' dan il-principju ghal kazi li huma vicini hafna ghal dak in kwistjoni. "When the holder of an office receives the emoluments and hands them over to a third party under some arrangement between them, the holder of the office is treated for tax purposes as having received the emolument and as being taxable accordingly" ... In oltre "if the emoluments are credited to the holder of the office in an account from which he is free to draw, he will be taxable on them notwithstanding that he does not withdraw them. In "Dolan vs 'K' National School Teacher" (1944 I.R. 470) a professed nun employed as a National School Teacher, but bound by the constitution of her order to hand over all her earnings to the order, was held correctly charged under Schedule E. In "Hibbert vs Fush" (40 TC 305) an undischarged bankrupt unsuccessfully contended that personal earnings which were received and kept by him, were not taxable in his hands because of his bankruptcy". ... Illi dan il-principju gie wkoll accettat u applikat minn dan il-Bord u mill-Qorti ta' l-Appell fid-diversi kazi li kien hemm fejn kontribwent, wara li l-"income" ikun gie "earned", ghal xi raguni jew ohra, ma kienx ircevih, bhal fil-kazi nru. 29/1968 fejn xi proprjetà kienet soggetta ghall-Interdett Salvinjanu, fl-appell Nru. 56 fejn wiehed socju "en nom collectif" kien zamm ghalih il-profitt tas-socju l-iehor, fil-kaz nru. 16/1958 u ohrajn.*

Meta l-fatti tal-kaz in ezami jigu kkunsidrati fid-dawl tal-principji enuncjati fl-imsemmija decizjoni, jirrizulta b'mod car li dak li ghamel ir-Rikorrent kien proprio *an alienatation of income*, liema *income* kien suxxettibbli ghall-imposizzjoni u konsegwenti hlas ta' taxxa, fil-kaz specifiku ta' taxxa fuq il-qligh kapitali.

Mill-provi prodotti u senjatament mill-kuntratt ta' trasferiment fl-atti tan-Nutar Francis Micallef datat 29 ta' Marzu 2009[17] u mix-xhieda ta' Romwald Attard in rapprezentanza tal-Bank of Valletta p.l.c. moghtija waqt is-seduti tat-12 ta' April 2012[18] u tal-31 ta' mejju 2012[19], jirrizulta ben car li l-fond li gie trasferit kien di proprjetà tar-Rikorrent u tar-Rikorrent biss u ghalhekk kien

[17] Dok. "B" a fol. 8 sa' 12 tal-process.
[18] Fol. 62 sa' 65 tal-process.
[19] Fol. 70 tal-process.

hu d-detentur ta' *the title of income* tant illi l-prezz tat-trasferiment, jew ahjar il-bilanc li baqa' wara li nqatghu xi ammonti dovuti lil terzi, thallas mill-kompraturi lir-Rikorrent. In effetti Romwald Attard xehed: *a rigward il-purchase ta' 58,000, ghandi statement fejn juri d-draw down ta' 58,000 li tqassmu fi tlett bills payable dawn. Ghandi cheque images. L-ewwel wiehed hu payable lil Xxx. L-ammont hu 26,047.44. It-tieni bills payable hu pagabbli lil HSBC Bank, l-ammont ta' 26,402 u t-tielet wiehed pagabbli lil Sara Grech fl-ammont ta' 3,735*[20].

Mill-provi prodotti jirrizulta wkoll li s-somma ta' Lm26,057.44 percepita mir-Rikorrent giet minnu depozitata fid-29 ta' Marzu 2004 f'zewg kontijiet bankarji intestati lil bintu Denise Gruppetta[21], u Monica Gruppetta ddikjarat li il-flus mit-trasferiment hadhuhom hi u bintha bi ftehim bejniethom[22].

Il-fatt li ir-Rikorrent b'effett immedjat ghadda l-ammont minnu percepit mit-trasferiment tal-fond in kwistjoni lil bintu u lil martu flok iddepozita dak l-istess ammont fil-kont tieghu ma jfissirx li b'daqshekk huwa ma kellux *income* ghall-finijiet u effetti tal-Kap.123 tal-Ligijiet ta' Malta suxxettibbli ghall-imposizzjoni u hlas ta' taxxa, senjatament ta' taxxa fuq il-qligh kapitali, anzi piuttost il-kuntrarju. In effetti fil-fehma tat-Tribunal dan huwa kaz car ta' *application* jew ahjar *alienation of income* da parte tar-Rikorrent u ghalhekk dak l-*income* xorta baqa' soggett ghat-tassazzjoni, f'dan il-kaz ghat-taxxa fuq il-qligh kapitali.

Ir-Rikorrent jishaqq fuq il-fatt li huwa kellu jghaddi r-rikavat mill-bejgh tal-fond in kwistjoni lil martu b'ordni tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili, liema ordni skontu ma setax jigi injorat. Ghalkemm huwa veru li l-kuntratt ta' separazzjoni bejn ir-Rikorrent u martu gie awtorizzat mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili bis-sahha tad-Digriet moghti fil-31 ta' Lulju 1987, jibqa' l-fatt li l-pattijiet u l-kondizzjonijet li rregolaw is-separazzjoni personali bejn ir-Rikorrent u martu, fosthom il-mod kif kellu jithallas sehem il-mara mill-komunjoni ta' l-akkwisti, gew miftehma bonarjament bejniethom u mhux imposti fuqhom mill-Qorti. B'hekk jghid x'jghid ir-Rikorrent jibqa' l-fatt li huwa ghazel, ghaliex hekk kien ftiehem ma' martu, li jadopera r-rikavat mit-trasferiment tal-fond Mardom II, Triq Manuel Attard, St. Venera, proprjetà tieghu, sabiex ihallasha ta' sehemha mill-komunjoni ta' l-akkwisti li kienet ezistenti bejniethom waqt iz-zwieg. Ghalkemm it-Tribunal itenni dak osservat mill-Bord ta' Kummissarji Specjali fid-decizjoni iktar 'l fuq citata fl-ismijiet **A.B. V. Kummissarju tat-Taxxi Interni**, liema decizjoni jigi ribadit giet ikkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell, ***kulhadd huwa liberu li jaghmel li jrid bil-qligh li jkun ghamel, però dan il-qligh malli jsir, ikun jikkostitwixxi "income" u bhala hekk ikun soggett ghat-taxxa, jispicca fejn jispicca dan l-"income"***[23].

[20] Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-12 ta' April 2012, fol. 62 sa' 65 tal-process.
[21] Ara xhieda moghtija minn Romwald Attard waqt is-seduta tal-31 ta' Mejju 2012, fol. 70 tal-process.
[22] Ara xhieda moghtija waqt is-seduta tat-22 ta' April 2013, fol. 108 sa' 110 tal-process.
[23] Enfasi tat-Tribunal.

Jigi in fine osservat illi fil-kuntratt ta' trasferiment fl-atti tan-Nutar Francis Micallef datat 29 ta' Marzu 2004 gie dikjarat illi *no Capital Gains Tax is due on the present Deed whereas the house has been owned and lived in by the vendors for well over three year period required by law which declaration the vendors make after having been duly cautioned by me od the consequences that may arise from their declaration*. Din id-dikjarazzjoni però la hija veritjera u wisq inqas hija legalment korretta.

Ghalkemm hemm dikjarat li *the house has been owned and lived in by the* ***vendors for well over three year period required by law***, mill-provi prodotti ampjament, senjatament mix-xhieda tar-Rikorrent stess moghtija waqt is-seduta ta' l-24 ta' Jannar 2013[24] u mix-xhieda ta' Monica Gruppetta moghtija waqt is-seduta tat-22 ta' April 2013[25], jirrizulta li l-proprjetarju u b'hekk il-venditur tal-fond in kwistjoni kien wiehed biss, ossia r-Rikorrent, u li ir-Rikorrent kien ilu ma jghix fil-fond in kwistjoni bhala r-residenza principali tieghu sa' mill-1987, ossia sa' minn meta ssepara minn ma' martu.

Id-dispsosizzjoni tal-Ligi – Artikolu 5(5)(b) u (c) tal-Kap.123 tal-Ligijiet ta' Malta – fir-rigward ta' din l-esenzjoni partikolari mill-hlas tat-taxxa fuq il-qligh kapitali hija cara, u cioè li *d-disposizzjonijiet tas-subparagrafu (i) tal-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu ma ghandhomx ikunu jghoddu ghall qliegh jew profitt li ghandu x'jaqsam mat-trasferiment ta' proprjetà immobbli: (b) meta l-Kummissarju jkun sodisfatt li il-proprjetà kienet proprjetà ta' min ghamel it-trasferiment* ***u okkupata minnu bhala r-residenza tieghu stess ghal perijodu ta' mill-anqas tliet snin li jigu minnufih qabel id-data ta' trasferiment*** *u sakemm il-proprjetà titnehha fi zmien tnax-il xahar minn meta jitbattal il-fond; (c) ghall-finijiet tal-paragrafu (b) ta' dan is-subartikolu 'residenza tieghu stess' tfisser ir-residenza principali li jkollu min ihallas it-taxxa jew il-konjugi tieghu* [fit-test Ingliz ***owned*** *by the taxpayer or his spouse*] *li tkun dar ta' residenza li kienet ir-residenza unika jew principali tal-proprjetarju. Garaxx imniffed ma' dar jew blokk appartamenti jew li jinsab tahthom jew garaxx ta' mhux aktar minn 30 metru kwadru li jkun jinsab f'distanza ta' hames mitt metro mid-dar ta' residenza, u li jigi trasferit bl-istess att flimkien mar-residenza principali ghandu jitqies bhala li jaghmel sehem mir-residenza. Il-perijodu ta' residenza jinkludi l-okkupazzjoni fizika tal-fond u kull nuqqas minn Malta bhalma hu minhabba f'xi impjieb estern, mard, vakanza jew studju. HJekk xi parti mid-dar tintuza esklussivament ghal ghanijiet kummercjali f'xi zmien matul sentejn qabel it-trasferiment din ma ghandhiex titqies bhala 'residenza tieghu stess' u din il-parti ghandha tinqasam fuq il-bazi ta' l-area okkupata ghal dan il-ghan bhala proporzjon ta' l-area kollha tad-dar residenzjali relattiva.*

the principal residence

[24] Fol. 73 sa' 78 tal-process.

[25] Fol. 108 sa' 110 tal-process.

Huwa evidenti li l-kaz in ezami ma jinkwadra taht l-ebda wahda mid-dispozzjonijiet citati, fatt dan certament maghruf mir-Rikorrent, u ghalhekk kuntrarjament ghal dak dikjarat fil-kuntratt fl-atti tan-Nutar Francis Micallef datat 29 ta’ Marzu 2004, il-qligh mit-trasferiment tal-fond in kwistjoni ma kienx, ai termini tal-Ligi, ezenti mill-hlas tat-taxxa fuq il-qligh kapitali.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi l-kawza billi jichad l-appell tar-Rikorrent mid-decizjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni tas-16 ta’ Gunju 2011 dwar il-Likwidazzjoni ta’ Taxxa mahruga kontrih ghas-sena ta’ stima 2005 u minflok jikkonferma l-istess imsemmija decizjoni u Likwidazzjoni ta’ Taxxa ghas-sena ta’ stima 2005.

L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati interament mir-Rikorrent.

A tenur ta’ l-Artikolu 35(4) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta’ Malta t-Tribunal jordna li Avviz ta’ din id-decizjoni ghandu jintbaghat lill-Kummissarju tat-Taxxi li ghandu jordna li kopja ta’ l-istess Avviz tigi notifikata jew personalment jew bil-post registrata lir-Rikorrent u ghandu jinforma lill-istess Rikorrent bid-drittijiet tieghu ai termini ta’ l-Artikolu 37 tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta’ Malta.

In fine t-Tribunal jordna li din is-sentenza tigi komunikata lill-Kummissarju tal-Pulizija ghall-fini li r-Rikorrent jigi investigat dwar frodi fil-konfront tal-Kummissarju tat-Taxxi a tenur ta’ l-Artikolu 52 ta’ l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, Kap.372 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------